**Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jkollok mowbajl dejjem miegħek.**

Hemm diversi vantaġġi u żvantaġġi fl-istess ħin meta għandek il-mowbajl dejjem miegħek. Ħa nibdew bil-vantaġġi, u hemm ħafna. L-ewwel vantaġġ huwa li fil-każ ta' emerġenza, tista' ċċempel is-servizzi ta' emerġenza, pereżempju meta tara nar fid-dar tal-ġirien. Jew kieku qed timxi x'imkien f'Għawdex, tara nar f'dar waħda, u m'hemm ħadd fil-viċinanzi. Bil-mowbajl, tista' ssalva l-ħajja ta' xi ħadd.

It-tieni vantaġġ, naħseb li kulħadd jista' jaqbel, huwa l-ġid ta' informazzjoni li nistgħu nsibu fuq l-internet. Hemm kważi wisq opportunitajiet. Tista' ssir edukat bil-korsijiet li tista' ssib dwar l-internet. Tista' tipprevedi l-umbrella jekk ħa tkun ix-xita meta se timxi. M'għandekx bżonn ta' arloġġ biex tkun taf il-ħin. Tista' taqra ktieb jew tisma' l-mużika waqt li tinsab f'tal-linja. Dawn huma affarijiet li, bla dubju, huma tajbin biex ttejjeb ħajtek bil-mowbajl tiegħek.

It-tliet vantaġġ huwa li tista' anki tieħu ritratti u vidjows u taqsam mal-ħbieb u mal-familja tiegħek, kulfejn trid. Tista' tibgħat messaġġi wkoll, mal-ħbieb u ħaddieħor. Ovvjament, hemm vantaġġi oħrajn, pereżempju l-apps. Jiddipendi daqsxejn tal-utent tal-mowbajl. Fl-aħħar mill-aħħar, hemm vantaġġi wisq. Imma ħa naraw l-iżvantaġġi.

L-ewwel żvantaġġ li huwa importanti ħafna, huwa l-vizzju. Id-dependenza fuq il-mowbajl ġieli hija tal-biża'. Fl-Istati Uniti n-nies iqattgħu tlett sigħat, kuljum, fuq il-mowbajl. Xi nies jinsew kif jitkellmu ma' nies oħrajn, peress li jiktbu messaġġi minflok jitkellmu magħhom. Għalhekk, illum, hemm organizzazzjonijiet li jorganizzaw workshops u kampijiet biex jiġġieldu t-tossifikazzjoni taż-żgħażagħ.

Hemm konsegwenza oħra tal-pussess ta' mowbajl, u din hija t-tieni żvantaġġ. Qatt m'għandek sliem. Il-mowbajl dejjem jagħtik sinjali: għandek messaġġ ġdid. Tista' tgħid li tista' titfi l-mowbajl. Imma, se jkollok tixegħlu. Inkella, mhux se tisma' meta xi ħadd qed iċempellek.

L-aħħar żvantaġġ huwa s-sigurtà. Hemm nies ħżiena li jipprovaw jidħlu fil-mowbajl tiegħek u jisirqu l-flus tiegħek.